# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 41

16 ta’ Novembru 2021

Il-wieħed u erbgħin (41) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 16 ta’ Novembru 2021 fis-1.10pm. Il-laqgħa nżammet b’mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

41.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

41.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

41.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

41.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-erbgħin (40) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

41.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, VB, DSH, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

41.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 40.2.5 rigward ix-xogħol fi Triq Sant'Anna u staqsa jekk kien hemm xi żvilupp. Is-Sindku wieġbet li x-xogħol kien għadu għaddej. Hija qalet li kienet għadha mhijiex informata min-naħa tal-Perit li t-tiswija kienet lesta u allura fil-jiem li ġejjin kienet ser titlob li tingħata rapport sabiex tkun informata f'hiex waslet it-tiswija.

**Nota: 13:12 Il-Kunsillier AD attenda għal-laqgħa.**

41.2.3.1. Il-Kunsillier JAE ippropona biex jekk ikun possibbli, jitwaħħal xi dawl maġenb il-funtana tal-iljun, fejn hemm il-ħadid. Huwa qal li dik iż-żona kienet qed tkun imdallma minħabba li żewġ fanali li hemm fi Pjazza Sant'Anna kienu għadhom m'humiex jixgħelu. Is-Sindku qalet li għandha titkellem magħhom dwar dan.

41.2.3.2. Is-Sindku qalet li tinsab iddiżappuntata bl-Enemalta minħabba li ħafna ħsarat kienu qed idumu biex jissewwew, inkluż żoni milquta mil-maltemp. Hija qalet li mhuwiex aċċettabbli li wara erbat ijiem, il-ħsarat għadhom mhux irranġati. Hija żiedet tgħid li filwaqt li tifhem li jkun hemm xogħolijiet oħra, id-dawl fit-toroq għandu jingħata prijorità ukoll.

41.2.3.3. Il-Kunsillier AD qal li jifhem il-punt tas-Sindku biss l-Enemalta għadha kif għaddiet minn proċess ta' ristrutturar li ma kienx ġie publiċizzat. Huwa qal li dan kien irriżulta f'ilmenti li ħadu ftit iktar mis-soltu biex jiġu solvuti. Huwa qal ukoll li mil-jiem li ġejjin, kollox għandu jerġa' jibda' miexi bħalma kien qabel u l-ħsarat pendenti kienu ser jiġu trattati.

41.2.3.4. Is-Sindku qalet li l-proċess ta' ristrutturar kien wieħed intern u li l-entità kellha tieħu ħsieb dan kollu internament. Żiedet tgħid li dan kollu ma għandux jaffettwa lis-servizz li suppost jingħata b'mod estern.

41.2.3.5. Hija qalet li kien hemm nuqqasijiet oħra bħalma huma lampi ġodda li qatt ma ġew irreġistrati min-naħa tal-kumpanija b'konsegwenza li ma kienux jafu bihom. Is-Sindku qalet li saħansitra kienu talbu lill-Kunsill sabiex jimmarka dawn il-lampi ġodda hu. Hija qalet li l-Enemalta kellha l-ħaddiema tagħha u m'għandiex tuża l-ħaddiema tal-Kunsill.

41.2.3.6. Is-Sindku qalet li waslet f'punt fejn tippreferi tqabbad lill-kuntrattur tal-Kunsill u tħallas xi ħaġa żejda milli tqabbad lill-Enemalta. Hija qalet li l-Kunsill qiegħed hemm biex iservi liċ-ċittadin u minflok qed jinħela ħafna ħin bil-Kunsill jiġri wara l-entitajiet governattivi.

41.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 40.2.6 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-kwistjoni taż-żabra fil-ġonna. Is-Sindku wieġbet li ż-żabra kienet tkompliet fil-jiem li għaddew f'xi żoni u tispera li tkompli fiż-żoni l-oħra taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V f'qasir żmien.

41.2.5. Il-Kunsillier JAE qal li kien tkellem mal-ASE dwar xi dud li kien hemm fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Huwa ippropona li din tinżamm bħala punt ta' riferenza meta jkun għaddej xi xogħol.

41.2.5.1. L-ASE qal li hu kien informa lill-ELC dwar il-kwistjoni msemmija.

41.2.5.2. Is-Sindku wieġbet li kienet informata li kienet ġiet sprejjata xi kimika biex tikkumbatti d-dud biss xorta waħda, minħabba t-taqlib tal-arja, dak id-dud jibqa' hemmhekk u jkun evidenti. Hija qalet li l-Kunsill kien wassal il-messaġġ u kienet ittieħdet azzjoni biss wieħed irid jifhem li dan kien ġnien pubbliku li għandu fih diversi xtieli u siġar kbar li jistgħu jikkontribwixxu għal din il-problema.

41.2.6. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja numru 40.3.3 dwar il-Premju Anzjanità Attiva. Huwa qal li l-kandidat li l-Kunsill kien innomina għal dan il-premju ma kienx rebaħ iżda kien rebaħ kategorija oħra li hija dik ta' Premju Anzjan Akkademiku. Il-Kunsill ħa l-opportunità sabiex jingħaqad biex jifraħ lil wieħed mir-residenti tal-lokalità ta' dan il-premju tant mistħoqq.

41.2.7. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja numru 40.3.10 fejn qal li kien intleħaq ftehim bejn iż-żewġ barmen fi Triq Sant'Anna, u jidher li l-materja kienet ġiet solvuta.

41.2.8. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għall-materja numru 40.3.13 fejn staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fuq id-dawl ta' Triq Sant'Anna. Is-Sindku qalet li l-ASE kien tkellem mas-Sur Ciantar dwar it-toqob li riedu jtaqqbu. Żiedet tgħid li dakinhar stess hi kienet tkellmet miegħu ukoll u ftehmu li għandu jipproponi laqgħa sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tad-dawl.

## 41.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

41.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-kuntrattur tal-gabbana taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V fejn talab li l-Kunsill jiffinanzja nofs l-ispiża tal-fustun li ser jiġi armat fil-ġnien u li ser jitħalla installat sas-6 ta' Jannar 2022. Il-Kunsill qabel, u qabel ukoll li jekk il-fustun jitħalla hemm oltre mid-data msemmija, l-ispiża għandha mbagħad tiġi assorbita kompletament mil-kuntrattur innifsu.

41.3.2. Is-Sindku informat li l-Kunsill kien irċieva tliet kwotazzjonijiet għad-dawl tal-Milied u kienet qed tissuġġerixxi li tintgħażel l-irħas offerta. Il-Viċi Sindku staqsa kemm kienu l-figuri. Il-Kunsill qabel li jipproċedi mal-orħos offerta ta' €4248.

41.3.3. Is-Sindku ressqet korrispondenza mil-President ta' Malta dwar il-fun run. Hija qalet li kienet tinsab iddiżappuntata bil-konkorrenza tal-għaqdiet lokali. Hi qalet li hi tħoss li l-Kunsill dejjem kien spalla mal-għaqdiet lokali u tħoss li meta l-Kunsill idur fuq l-għaqdiet, dawn għandhom jikkonkorru kif wara kollox il-Kunsill jikkonkorri meta huma jitolbu l-għajnuna tal-kunsill. Hija ħadet l-inizjattiva tirringrazzja lis-Sur Daniel Attard u lil entità oħra li kienu offrew li jieħdu ħsieb jarmaw mejda bl-ilma u l-frott għal dawk il-parteċipanti li kienu ser jieħdu sehem fil-fun run.

41.3.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Refablightblue Partnership fejn talbu lill-Kunsill jikkunsidra li jiġu installati kontenituri biex fihom jinġabar żejt tat-tisjir użat, u li jitpoġġew maġenb il-kontenituri eżistenti li fihom jitħallew il-ħwejjeġ użati. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja d-dimensjonijiet ta' dan il-kontenitur u x'miżuri ta' sigurtà għandu qabel jieħu deċiżjoni finali, dan sabiex jevita ħsara, ħmieġ, vandaliżmu u problemi oħrajn. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jikkonsulta mal-Wasteserv dwar kemm-il resident uża l-vann tas-sort it out biex jiddisponi miż-żejt u dan sabiex il-Kunsill jieħu idea tal-bżonn li hemm fil-lokalità.

41.3.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Awtorità tat-Turiżmu fejn talbu n-no objection tal-Kunsill għall-attivitajiet tal-Milied li ser ikunu qed jorganizzaw bejn it-22 ta' Novembru 2021 u t-8 ta' Jannar 2022. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jiġu segwiti l-protokolli neċessarji kollha filwaqt li jinġiebu l-permessi relevanti kollha mill-awtoritajiet konċernati. Is-Sindku żiedet tgħid li kienet għamlitha ċara mal-organizzaturi li l-Ferris Wheel ma tiġix installata fuq il-Fosos.

41.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet fejn informaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni tiegħu fir-rigward tal-bini ta' Senior Citizens Centre kienet ġiet milqugħa u kienet tinkludi wkoll lift u panoramiċi lift.

41.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand impjegat tal-Kunsill fejn talab lill-Kunsill jikkunsidra li jiffinanzja parti mill-istudji tiegħu. Il-Viċi Sindku VB qal li filwaqt li hu ma jsibx oġġezzjoni, staqsa jekk hux ser tintalab garanzija lill-impjegat sabiex dan ma jitlaqx appena jiggradwa. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ikkunsidra l-ħidma tal-impjegat tul is-snin, l-ammont mitlub u r-relevanza tal-kors edukattiv, u għalhekk qabel b'maġġoranza li jilqa' t-talba tal-impjegat mingħajr kundizzjoni.

41.3.7.1. Is-Sindku DSH qalet li meta impjegat javvanza fl-edukazzjoni, dan iservi ta' benefiċċju għall-kunsill lokali. Minkejja dan, sabiex ma jinħolqux preċedenti, hija pproponiet li minn dakinhar 'il quddiem, kwalunkwe talba għal rimbors ta' spejjeż edukattivi trid tkun tissodisfa ċerti kriterji li jinkludu li l-kors ikun relevanti għad-dmirijiet tal-impjegat u li jrid ikun marbut max-xogħol tal-

kunsill lokali. Is-Sindku qalet li jkun tajjeb li l-Kunsill joħloq linji gwida biex f'każijiet futuri ikun hemm proċedura ċara u li tkun tinkludi wkoll il-kundizzjoni proposta mill-Viċi Sindku bħala garanzija għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

## 41.4 RAPPORTI

41.4.1. Il-Viċi Sindku VB informa lill-Kunsill bir-rimbors li ser jieħu l-Kunsill fir-rigward ta' slow streets kif ukoll għat-tiżjin tad-dawl tal-Milied. Il-Kunsill innota dan.

## 41.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

41.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-feasibility studies li kienu ser isiru fir-rigward tal-pedestrianisation ta' Triq Sant'Anna u staqsa jekk il-Kunsill kienx ġie ikkuntattjat sabiex jagħti l-feedback tiegħu fuq dan il-proġett.

41.5.1.1. Is-Sindku qalet li għalissa kienu għadhom qed isiru l-feasibility studies iżda tassumi li appena dawn jitlestew, il-Kunsill kien ser jiġi kkuntattjat ċertament filwaqt li jinżamm up to date mal-entitajiet konċernati.

41.5.1.2. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill kien diġà qabel fuq dan il-proġett.

41.5.1.3. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill kien qabel fuq verżjoni biss irid ikun jaf x'hemm pjanat eżatt. Huwa żied jgħid li l-Kunsill kien qabel li ż-żona ssir pedonali biss wieħed irid jara x'hemm imħejji għal Triq Sant'Anna kif ukoll li jiddiskutu bejniethom mar-residenti sabiex iressqu l-pożizzjoni u l-proposti tagħhom lill-awtoritajiet konċernati fin-nukleju tad-diskussjoni. Huwa qal li jkun tajjeb li bħala kunsill lokali, ilkoll ikunu involuti f'dawn id-diskussjonijiet.

41.5.1.4. Is-Sindku qalet li għalhekk qed isiru l-feasibility studies sabiex jiġu studjati diversi affarijiet inkluż il-loġistika tal-proġett. Hija qalet li m'għandhiex dubju li appena dawn jitlestew, il-ministeru kkonċernat kien ser jagħmel kuntatt mal-Kunsill. Hija qalet li tinsab kuntenta li ħolma li nibtet mill-periti flimkien mal-kunsill lokali qed tingħata importanza u widen ta' kif il-lokalitajiet jistgħu jerġgħu jingħataw il-ħajja u jingħataw lura lir-residenti.

41.5.2. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-planters ta' maġenb il-Knisja. Is-Sindku wieġbet li kienet tkellmet mal-kuntrattur li min-naħa tiegħu l-ewwel qal li ma kienx hemm pjanti imbagħad qal li l-pjanti kienu skarsi. Hija qalet li kienet tatu deadline sa meta għandu jsir ix-xogħol meħtieġ u f'każ li x-xogħol jibqa' ma jsirx informatu li kienet ser tipproponi li l-Kunsill jitterminalu l-kuntratt tas-soft areas.

41.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għax-xogħol li għaddej fi Ġnien il-Mall fejn qal li hemm bżonn jissaħħaħ id-dwal tal-madwar. Huwa qal li kien irċieva talbiet mir-residenti u anke rapport ta' persuna li ngħatat fastidju. Is-Sindku qalet li għandha tgħaddi din it-talba lill-GHRC.

41.5.4. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm indikazzjoni meta ser jitlesta l-proġett ta' Ġnien il-Mall. Is-Sindku wieġbet li meta kienet tkellmet mal-GHRC, kienu informawha li x-xogħol għandu jkun lest sal-aħħar tas-sena biss mir-rata li kien miexi x-xogħol, ma jidhirx li dan ser jitlesta fil-ħin skedat. Għalhekk la tkellimhom fuq il-kwistjoni tad-dawl, ser tieħu l-opportunità tistaqsi wkoll fuq meta ser jitlesta x-xogħol.

41.5.5. Il-Kunsilliera JP qalet li kienet ġiet avviċinata minn xi impjegati tal-Bank of Valletta fejn talbu li jerġgħu isiru l-linji tat-triq li kienet għadha kif ingħatat it-tarmac. Hija żiedet tgħid ukoll li fiż-żona kien hemm ukoll parkeġġ riservat li qed jitolbu li jerġa' jsir. Is-Sindku qalet li dawn il-linji normalment isiru minn Infrastructure Malta però jkun aħjar li jieħu ħsieb jagħmilhom il-Kunsill u dan sabiex jevita dewmien żejjed.

41.5.6. Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena. Il-Kunsillier JAE qal li għalkemm m'huwiex espert fil-finanzi, jidher li hu kollox ċar u għandu fiduċja fl-ASE. Il-Viċi Sindku VB ippropona l-approvazzjoni tar-rapport, issekondat mill-Kunsillier AD, bil-qbil ikun wieħed unanimu.

## 41.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

41.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 41.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

41.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 30/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

41.7.2. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-pagament numru 15. Hija qalet li dan il-pagament kien ikopri rigali żgħar li nxtraw biex jingħataw lill-anzjani fi żmien il-Milied. Hija qalet li dawn kienu tħallsu minnha u għalhekk kienet qed tiġi rimborsata. Is-Sindku nformat li l-ASE kien iċċekkja mad-Dar tal-Anzjani fejn kienu informawh li setgħu jidħlu biss żewġ persuni għall-għotja tar-rigali. Il-Kunsill qabel li għandhom imorru s-Sindku u l-Viċi Sindku VB, bħala l-kunsillier responsabbli mid-dekasteru tal-anzjani.

> 41.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku VB, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 41.8 Bord tal-għażla għall-Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

41.8.1. Is-Sindku nformat li jidher li l-proċess tal-għażla għall-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv kien ser ikollu jerġa' jibda' minħabba li kien hemm xi nuqqasijiet fir-rapporti li saru mill-bord preċedenti. Hija qalet li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma kienx laqa' dawn ir-rapporti u għalhekk kien ser ikun hemm bżonn li jerġa' jsir il-proċess għall-għażla fejn iridu jerġgħu isiru l-intervisti mal-kandidati prospettivi.

41.8.2. Is-Sindku qalet li s-Segretarju tal-Bord kien inbidel. Fir-rigward tal-membri tal-Kunsill li jagħmlu parti mill-bord tal-għażla, il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jinżammu l-istess membri li kienu parti mill-bord preċedenti.

## 41.9 ATTIVITAJIET TAL-MILIED

41.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li waħda mill-baned kienet ikkonfermat li ser tipparteċipa fl-attivitajiet tal-Milied. A kwantu tal-banda l-oħra jidher li kien hemm kwistjoni minħabba li kienu laħqu ikkonfermaw impenji oħrajn u għalhekk ma setgħux jipparteċipaw fil-ġranet imsemmija. Il-kuntrattur kien offra alternattivi oħra iżda dawn ma kienux konformi ma' dak li l-Kunsill kien ressaq fl-applikazzjoni għall-fondi mill-iskema.

41.9.2. L-ASE ippropona li l-Kunsill jitkellem ma' tal-iskema, jinformahom bis-sitwazzjoni u jara jekk jistgħux jemendaw l-applikazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu ikkunsidrati alternattivi oħra. Il-Kunsill qabel li jitkellem mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

41.9.3. Is-Sindku DSH qalet li beda' jintrama' t-tiżjin fi Triq Sant'Anna. Hija qalet li l-ġimgħa ta' wara għandu jitkompla t-tiżjin kollu sabiex ikun hemm temp iktar favorevoli. Il-Viċi Sindku VB fakkar li appena jitħallsu l-fatturi, il-Kunsill għandu jgħaddihom lir-Reġjun Xlokk sabiex jieħu r-rimbors.

## 41.10 IL-FESTA LITURĠIKA TA' SAN PUBLJU

41.10.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li skont il-protokolli tad-Dipartiment tas-Saħħa, jidher li din l-attività ser tkun tista' ssir.

41.10.2. Hi pproponiet li l-Kunsill jikteb lis-Supretendent tas-Saħħa sabiex il-Kunsill jingħata linji gwida ta' kif għandha tiġi organizzata din l-attività li ssoltu ma taqbiżx il-mitt ruħ. Il-Kunsill qabel.

## 41.11 FIREWORKS FESTIVAL

41.11.1. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa mal-Awtorità tat-Turiżmu dwar kif il-Kunsill għandu jipproċedi sabiex jorganizza l-edizzjoni li jmiss.

41.11.2. Hija qalet li kienet tkellmet magħhom dwar il-ħsieb tal-Kunsill li jekk ir-restrizzjonijiet jibqgħu tali, dan l-avveniment għandu jsir bilqegħda. Is-Sindku nformat li min-naħa tal-Awtorità tat-Turiżmu ma kienx hemm oġġezzjoni li dan isir b'tali manjiera u li jkun hemm sistema ta' biljetti.

41.11.3. Is-Sindku ipproponiet li l-Kunsill ifittex jibda' jagħmel il-laqgħat neċessarji mal-Awtorità tat-Turiżmu sabiex jibdew id-diskussjonijiet varji sabiex tittella' edizzjoni ta' suċċess.

## 41.12 LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITÀ

41.12.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi nformat lill-Kunsill li bil-liġi, kellha tissejjaħ laqgħa annwali tal-lokalità. Il-Kunsill qabel li din il-laqgħa ssir nhar it-2 ta' Diċembru fis-7pm.

41.12.2. Is-Sindku qalet li min-naħa tal-ASE kien qed jitħejja r-rapport li għandu jiġi preżentat matul din il-laqgħa. L-ASE qal li għal din il-laqgħa għandhom jiġu mressqa l-estimi annwali li imbagħad jiġu approvati fil-laqgħa tal-Kunsill sussegwenti.

41.12.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk ir-residenti hux ser ikollhom opportunità jitkellmu dwar l-estimi biss jew jekk jistgħux isaqsu mistoqsijiet oħra. L-ASE qal li l-laqgħa tkun tikkonċerna l-estimi annwali biss jekk ikun hemm mistoqsijiet li jistgħu jiġu mwieġba faċilment, ma jarax li għandha tkun problema li dawn jitressqu.

## 41.13 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

41.13.1. Il-laqgħa intemmet fit-14.40 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru fil-5.00pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

| | |
|---|---|
| **(iffirmati)** | **(iffirmati)** |
| Davina Sammut Hili<br>Sindku | Malcolm Agius Muscat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |